Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 171 / 2019**

Il-Pulizija

Spettur Anne Marie Xuereb

vs

**Francis Caruana**

Illum, 14 ta' Mejju, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti **Francis Caruana**, detentur tal-karta tal-identita' 144559 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F'Jannar 2014 u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ghamel atti ta' money laundering billi:
   a) Ikkonverta jew trasferixxa propjeta` meta kien jaf jew jissuspetta li dik il-propjeta` kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta', attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita` kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra ta' l-origini tal-

propjeta` jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attivita kriminali;

b) heba jew wera haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta`, meta kien jaf jew jissuspetta li dik il-propjeta` kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita` kriminali;

c) akkwista propjeta` meta kien jaf jew jissuspetta li l-istess propjeta` kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita` kriminali;

d) bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' propjeta` meta kien jaf jew jissuspetta li l-istess propjeta` kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita` kriminali;

e) ittenta jaghmel l-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

f) agixxa bhala komplici fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;

ai termini tal-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373, u l-artikolu 18 tal-Kap.9, Ligijiet ta' Malta.

2. Bhala ufficjal jew impjegat publiku illi ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-

benficcju ta' xi persuna jew entita` ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu;

3. Talli dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta'Malta, liema somma giet fdata jew kunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

4. Talli b'mezz kontra ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti maginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37);

5. Talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li inkonnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utili iehor, jew xi vantagg iehor li ghalihom hu ma kellux jedd, liema skop tal-hlas, tal-weghda jew tal-offerta kien sabiex hu bhala ufficjal jew impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;

6. Talli bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern sew jekk kellu, kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi jew qabel iz-zmien li jmiss

skont il-ligi;

7. U aktar talli ikkometta talli reati, filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tapplika l-provedimenti ta' l-artikolu 119 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tapplka id-disposizzjonijet tal-Artikoli 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta u, f'kaz ta' htija, tapplika wkoll il-provedimenti tal-Artikolu 23B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet finalment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-22 ta' Jannar, 2018,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-Artikoli 18 u 127(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-Artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-Artikoli 18, 115(1)(a) u 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-Artikoli 18, 112, 113, 114 u 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Fol.2009

f) Fl-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

g) Fl-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

h) Fl-Artikoli 17,18, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Gunju, 2019 fejn il-Qorti fil-konfront ta' Francis Caruana wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 112, 113, 114, 115 (1) (a), 141, 127 (1), 293, 294 u 310 (1) (a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 3 (1) (2A) (a) (ii) tal-Att kontra l-MoneyLaundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li astjenie

milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba akkuza, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha, u ikkundannatu erba' snin prigunerija u multa ta' €63,000.

Inoltre` ai termini tal-Artikolu 23 B (1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li l-ammont ta' €31,592,55 rapprezentanti r-rikavat, jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta jew fin-nuqqas li tigi konfiskata tali somma, ghandha tigi konfiskata dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta €31,592,55.[2]

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23 B (2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, f'kaz li r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, l-imputat ghandu jhallas multa ta' €31,592,55 li tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-

[2] Disposizzjoni tassativa li tipprovdi: Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti għandha, b'żieda ma' kull kastig li jista' jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti….. tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew dik il-propjeta` li l-valur taghha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat…..

reat.

Dik il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Inoltre` ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-propjeta` mobbli u mmobbli ta' l-appellat kif stipulat fl-Artikolu 3 (5) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hati jhallas l-ammont ta' €10,730.63 rapprezentanti spejjez peritali.

Finalment il-Qorti, wara li rat l-artikoli 119 u 127 (1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat ukoll fil-konfront ta' l-imputat l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan u ai termini tal-artikolu 10 (7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta,

Ordnat li s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-rikors tal-appellanti Francis Caruana minnu pprezentat fid-25 ta' Gunju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fid-dawl tad-difett riskontrat, **TIDDIKJARAHA** ghalhekk nulla u bla effett, u **TIRRIMETTI** l-atti lura, sabiex l-appellant ma jkunx privat mill-beneficcju tad-doppio esame; jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi filwaqt li **TIKKONFERMAHA** fejn astejniet milli tiehu konjizzjoni tar-raba' akkuza u sabet lill-appellant hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, **THASSARHA U TIRREVOKAHA** in kwantu ghall-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat **Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**A. Nullita' tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti**

Illi l-appellant umilment jissotometti illi s-sentenza moghtija fil-konfronti tieghu hija nulla, u dan peress illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghalkemm asjteniet mir-raba akkuza u cioe' mill-akkuza ta' frodi naqset milli tindikahom fl-Artikoli tal-Ligi.

Illi l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena* ***u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat****.*' (Emfażi miżjuda)

Illi ghalhekk skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s- sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l- piena w ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n- nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis- sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. Kevin Farrugia) vs Jesmond Spiteri** annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti wara li kkunsidrat li:

'*mill-ezami tas-sentenza appellata illi l- Ewwel Qorti ccitat l-Artikolu 130 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-Artikolu li suppost tahtu nstabet il-htija w dan l-Artikolu effettivament gie mhassar bl-Att XXVII tal-2001 u ghalhekk gie citat Artikolu li m'ghadux vigenti fil-Ligi w li*

*lanqas kien vigenti meta giet kommessa l-allegata kontravvenzjoni f'Awissu 2007 u fix-xhur ta' qabel.'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela** gie kkunsidrat li:

*'osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti, minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fis-sentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.*

Illi inoltre fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani**[4] gie kkunsidrat li:

*'Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "***Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon*** *u ohrajn)* (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza kif citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Illi l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani** ikkunsidrat ukoll:

*'Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius** u ohrajn)* (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Illi l-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri** ikkunsidrat:

*'Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal- Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

*Illi dan skond gurisprudenza ormai stabilita jgib in-nullita' tas-sentenza appellata w ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal- Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. **Il- Pulizija vs. Joseph Muscat**", **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**; **Il-Pulizija vs. Charles Micallef** u ohrajn.)* (Emfazi mizjuda u dettalji tas-sentenzi citati jinsabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Illi finalment fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt R. Vella) Vs Dennis Farrugia Omissis** gie kkunsidrat li:

*'Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.'*

Illi ghalhekk l-appellant umilment jissottometti illi peress illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tindika l-Artikoli 308 u 309 dan irendi s-sentenza tal-Ewwel Qorti nulla stante kif hawn fuq kkunsidrat l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li sentenza kontra l-imputat ghandha fost rekwiziti ohra ssemmi l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw r-reat. Ghalhekk jirrizulta li dak rikjest ad validitatum skont l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex osservat.

Illi ghaldaqstant peress illi s-sentenza appellata hija karenti minn dan l-element is-sentenza moghtija fil-konfronti ta' l-appellant hija irrita u ghandha tigi dikjarata nulla stante illi ma ssegwiex d-dettami ta' l-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk, konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti ghandha terga tibghat l-atti kollha, ghal gudizzju mill-gdid, quddiem il-Qorti ta' Prim' Istanza, u dan sabiex l-istess appellant ma jigix imcahhad mid-dritt tieghu ghal beneficcju tad-*doppio esame.*

**B. Ir-Rikavat**

Illi jigi rilevat illi skont il-Prosekuzzjoni u skont l-Ewwel Onorabbli Qorti l-ammont ta' flejjes riciklati kien dak ta' 32,000 elf ewro. Illi jigi rilevat illi dan l-ammont waslet ghalih il-Qorti mit-tieni rapport li kien ghamel l-espert tekniku Dr. Renald Micallef fejn fir-rapport tieghu huwa spjega illi n-nuqqas ta' fondi sofferti mid-Dipartiment tal-Fisheries kien *tal-inqas 31,592,55* .

Illi izda jigi rilevat illi Dr. Andreina Fenech Farrugia nhar it-8 ta' Jannar tas-sena 2019 [dak iz-zmien kienet ghadha tokkupa l-kariga ta' Direttur Generali fid-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura] giet riprodotta u bil-gurament xehdet is-segwenti:

***Qorti:*** *Kellek tigi b'xi revised information ux hekk? Biex inkunu nafu l-ammont tar-refortiva jekk miniex sejra zball.*

***Dr. A. Fenech Farrugia****: L-ammont dovut lid-Dipartiment huwa dak l-ammont indikat mill-espert, kif indikat mit-tekniku imqabbad mill-Qorti, jigifieir approximately it-32 elf, pero' mbaghad minnhom is-Sur Frans Caruana kellu jaghmel talba lis-Superjur tieghu biex dak il-hin ghal dan l-ispezzjonijiet illi saru wara l-hin tax-xoghol jithallas bir-rata tal-overtime.*

***Dr. Amadeus Cachia:*** *Jigifieri biex nifhem sew, dak l-ammont irid jitnaqqas ix- xoghol li jkun ghamel hu bhala overtime?*

***Qorti:*** *U kemm hu allura? Jien xorta irrid inkun naf.*

***…***

***Dr. A. Fenech Farrugia****: Jien minn informazzjoni li gbart li meta kien qed jaghmel l-ispezzjonijiet kienu qed isiru wara l-hin tax-xoghol ghax mill- attendenzi sibt li l-hin tax-xoghol tieghu kienu mit-tlieta ta' filghodu sal-hdax ta' filghodu.* ***Dawn l-ispezzjonijiet kienu isiru wara l-hin tax-xoghol u allura 95% ta' dak l-ammont huwa dovut lis-Sur Caruana, pero' kellu jehodhom through il- proceduri tad-Dipartiment, jigifieri billi jaghmel talba lid-Direttur tieghu, imbaghad jithallas skond il-proceduri tal-Gvern.***

***Qorti:*** *Imma l-fatt li ma ghamilhomx, noqghodu attenti x'qeghdin nghidu hawn, ghax hawnekk jigifieri wiehed qabad, hawnekk qabad u ha dak li ilu, jigifieri int qed tghidli hawnekk is-Sur Caruana ha dak li f'mohhu qal kien dovut minghajr ma uza l-proceduri normali?*

***Dr. A. Fenech Farrugia****: Iva*

…

**Dr. A. Fenech Farrugia**: *L-ammont huwa ezatt skond kif ikkalkula l-espert tekniku issa mbaghad ghandu proceduri ohra, jekk irid jaghmel talba lid- Dipartiment u d-Dipartiment jerga' jhallsu lura.*

**Qorti:** *Ara dan ma qed jaghmel l-ebda sens u ghalija huwa hela ta' hin assolut li tigu hawnekk u tghiduli, jien miniex il-kompjuter, mhux ser noqghod nikkalkula xejn. Dan huwa x-xoghol taghkom li taraw li jigifieri l-ammont effettivament li nstab li, issa jekk ux dovut lilu jew mhux dovut,*

**Dr. A. Fenech Farrugia**: *Nikkonferma li l-ammont dovut lid-Dipartiment huwa hekk kif ikkalkulat mill-espert imqabbad mill-Qorti.*

**Qorti:** *Jigifieri ta' 32 elf*

**Dr. A. Fenech Farrugia**: *Ta' 32 elf.*

**Dr. Amadeus Cachia:** *Issa jiena fhimt il-percentwali, int semmejt 95%, jekk fhimtek sewwa.*

**Dr. A. Fenech Farrugia**: *Jien spjegajt illi skond il-42505 hemm procedura ta' kif tikkalkula li l-operatur ghandu jaghti lid-Dipartiment. Issa l-ammont dovut mill- operatur lid-Dipartiment ikun, l-overtime tal-ufficjal qisu bir-rata tal-overtime tal-ufficjal u 5.5% administrative charges, dak il-pakkett kollu jigifieri l-overtime u l-5.5% kellhom jithallsu mill-operatur lid-Dipartiment, imbaghad l-ufficjal kellu jipprezenta request lis-Superjur tieghu biex dawk l-inspections li saru wara l-hin tax-xoghol tieghu, jithallas bir-rata tal-overtime tieghu tal-iskala tieghu ta' dak iz-zmien.*

**Dr. Amadeus Cachia:** *Jigifieri imma minn dawn it-32 elf qed nifhem sew li hemm parti minnhom ovvjament li huma dovuti jew*

**Qorti:** *Ma humiex, minuta, huma dovuti kieku saru bil-mod li kellhom isiru, naghmluha cara biex ma nizgwidawx, ma nippruvawx nizvijjaw lil hadd.*

***Dr. Amadeus Cachia:*** *Jien biex il-Qorti tifhem car*

***Qorti:*** *Fhimt jien, uh kemm fhimt.*

***Dr. Amadeus Cachia:*** *Jigifieri mit-32 elf imma qed nifhem sew li hemm flus li jkun suppost intitolat ghalihom is-Sur Francis Caruana peress li hadem ghalihom bhala overtime ux hekk?*

***Dr. A. Fenech Farrugia****: Fis-Servizz Pubbliku hemm proceduri fejn ufficjal irid jiffolowja biex jithallas ghall-overtime li wettaq wara l-hin tax-xoghol.*

***Dr. Amadeus Cachia:*** *Jigifieri it-32 elf ma humiex kollha allegatament ammont li nsteraq mis-Sur Francis Caruana?*

***Qorti:*** *Misapproja ruhu*

***Dr. Amadeus Cachia:*** *Jew immisappropja ruhu.*

***Dr. A. Fenech Farrugia****: L-ammont huwa kollu dovut lid-Dipartiment imbaghad Frans fl-ahhar ta' kull xahar kellu jaghmel rikjesta lis-Superjuri tieghu biex mal- paga tieghu tizdied l-ammont*

Illi dan ifisser illi skont l-istess Direttur Generali allura l-appellant permezz ta' procedura ad hoc kellu jaghmel talba lid-Dipartiment sabiex dan ihallsu lura tal-ammont illi huwa kien dovut lilu u dan peress illi hafna mix-xoghlijiet illi huwa kien qed jaghmel kien sar wara l-hin tax-xoghol tieghu [peress illi l-appellant kien jahdem mit-3 ta' filghodu sal-11 ta' filghodu]. Illi dan ifisser illi anke skont l-istess Direttur Generali minn dan l-ammont ta' 32,000 elf ewro l-appellant kellu jiehu lura l-ammont 95% stante illi din kienet il-paga tieghu tax-xoghol li jkun ghamel. Illi jekk wiehed jikkalkula l-ammont ta' 95% fuq dan l-ammont jirrizulta illi l-appellant minhabba x-xoghol illi huwa ghamel u ta' liema xoghol ovvjament kellu jithallas kien dovut lilu l-ammont ta' tletin elf ewro u erba' mitt ewro.

Illi dan ifisser ghalhekk illi fil-verita' l-ammont ta' rikavat u cioe' l-ammont illi l-appellant allegatament misappropja ruhu kien ta' elf u sitt mitt ewro, ammont ferm distanti mill-ammont ta' 32,000 elf ewro, u dan qed jinghad anke in vista tal-fatt illi l-piena erogata giet anke stabbilita u kkalibrata in vista tal-ammont allegatament riciklat. Illi hemm differenza sostanzjali bejn l-ammont ta' 32,000 elf ewro fi flus riciklati u l-ammont ta' elf u sitt mitt ewro fi flus riciklati stante illi wiehed irid jikkonsidra l-fatt illi bhalma kien hemm ammonti illi kienu dovuti lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura kien hemm ammonti wkoll li kienu dovuti lill-appellant bhala hlasijiet tax-xoghol li jkun ghamel fir-rigward. Illi bir-rispett kollu wiehed ma jistax ma jiehux konsiderazzjoni ta' dan l-ammont.

C. **<u>Piena Erogata</u>**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dan l-aggravju jirrigwarda l-piena. Illi huwa minnu li l-insenjament tal-Qrati superjuri dejjem sahaq li sa certu punt appelli wara ammissjoni huma ftit odjuzi peress li meta wiehed jirregistra ammissjoni dana ikun qed 'jerhi' lilu nnifsu kompletament f'idejn dik il-Qorti li tkun qed tiggudikah. Illi fuq ton akkademiku, pero` l-esponenti ma jaqbilx kompletament ma' tali insenjament. Illi dana peress li qabel mal-Qrati tal-Ewwel grad, fin-nuqqas ta' sistema ta' 'sentencing policy' rigida, ma' jzommu certu konsistenza u omogenjita` fis-sentenzi taghhom, allura bilfors li jkollok min jilmenta bhalma qed jigri fil-kaz in ezami. Illi inoltre f'kull każ Qrati ta' l-appell xorta ghandhom jidhlu f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eċċessiva jew le.

Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija lilu u cioe' dik ta' erba' (4) snin prigunerija u multa ta' 63,000 elf ewro hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li **l-piena qatt mghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru**.

Illi f'dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:

*Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

*Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

*Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

*Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*

*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo** deciza mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Massimo Abela** deciza mill-Imhallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2018 intqal hekk:

*Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza* **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** *moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:*

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta'kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera'; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat *in funditus* meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

*Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Wood*** *din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija*

*trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

*Huwa minnu li, kif jispjega l-**Professur David Thomas** fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** "[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' **Anthony Wood**) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).*

***9.*** *Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il- koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza* ***R v. Sargeant*** *:*

*"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."*

Illi inoltre l-esponent jaghmel referenza ghall-ktieb bl-isem ta' ***Principles of Sentencing*** (Heinemann, London, 1979), ta' **David Thomas**, fejn intqal illi:

> *"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one*

*illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p.236)*

Illi inoltre', qieghda ssir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), ta' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, 2014, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry,** f'liema decizjoni l-Qorti tenniet:

*F'dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga jigi kundannat ghal piena karcerarja ohra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f'hajtu. […]*

*Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Hatherly, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini talFacilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn […].*

Illi inoltre l-appellant jirrileva illi ghalkemm kienu ghaddejin trattativi sabiex huwa jhallas l-ammont allegatament minnu riciklat [saru anke laqghat f'dan ir-rigward] dan ma sehhx propju ghax id-Direttur tad-Dipartiment fiz-zmien illi kien se jintlahaq kwalunkwe tip ta' ftehim, anke in vista tal-ahhar xhieda taghha fejn sahqet illi l-appellant innifsu kellu jiehu lura xi fondi minhabba x-xoghol illi kien ghamel, ma baqghetx Direttur u ghalhekk ma kien hemm hadd ma' min l-appellant seta' jkompli ghaddej bit-trattativi tieghu.

Illi di piu' l-appellant jirrileva illi l-piena fil-kaz de quo hija eccessiva anke in vista tal-fatt illi l-fedina penali tal-appellant hija wahda netta u ghalhekk jekk ghandu jinstab hati ghandu jitqies u jigi kkunsidrat bhala *first time offender*. Fil-fatt, jigi rilevat illi l-fedina penali esebita fl-inkartament kriminali turi illi l-appellant qatt ma mess difru mal-gustizzja u ghalhekk huwa bniedem b'fedina penali kompletament netta.

Illi inoltre l-appellant jirrileva illi fl-erogazzjoni tal-piena l-Ewwel Onorabbli Qorti suppost hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-appellant kif ukoll il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija liema izda ammissjoni skont l-Ewwel Onorabbli Qorti inghatat fi stadju ferm tardiv fil-proceduri u allura naqset milli tikkunsidraha. Illi l-appellant jikkontendi illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tinfliggi piena iktar ekwa u gusta tenut kont tal-fatt illi l-appellant xorta rregistra l-ammissjoni tieghu nonostante illi l-istadju ma kienx daqshekk bikri izda dan ma jnaqqasx mill-fatt illi l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi l-appellant jirrileva illi r-regoli generali li ghandhom jiggwidaw il-Qrati fil-każijiet ta' ammissjoni fil-proceduri kienu deskritti mill-Qorti tal -Appell Kriminali fis-sentenza preliminari taghha fil -kawża: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[3],; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[4].

F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn **Blackstone's Criminal Practice**[5], :-

*"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender.*

*An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S)*

---

[3] Deciza mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali nhar l-24 ta Frar 1997

[4] Deciza mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002.

[5] Blackstone Press Limited – 2001 edit

*347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908).*

*Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."*

Illi inoltre jigi rilevat illi jekk l-appellant ammetta xi imputazzjonijiet illi mill-atti processwali jirrizultaw illi ma huwiex hati taghhom nonostante l-ammissjoni tieghu din l-Onorabbli Qorti ghandha xorta tikkunsidra c-cirkostanzi tal-kaz u fejn hemm il-htiega tiddikjara illi l-appellant mhuwiex hati ta' tali imputazzjonijiet [**Il-Pulizija vs Godfrey Formosa**[6]].

Illi inoltre l-appellant jirrileva huwa kkopera bi shih mal-Pulizija u ghalhekk il-Qorti kellha tikkunsidra dan ukoll fl-ikkalibrazzjoni tal-piena. Illi fil-fatt fir-rapport redatt mill-Probation Officer jirrizulta illi meta l-istess Probation Officer ghamel kuntatt mal-Ispettur Anne Marie Xuereb din stqarret hekk:

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Frar tas-sena 2019

*Fir-rigward ta' jekk Francis Caruana ikkoperax waqt l-investigazzjoni, l-Ispettur Xuereb tghid li skont il-Pulizija li kienu hadmu f'dan il-kaz mal-Ispettur li kien investiga l-kaz fil-konfront ta' Francis Caruana dan dejjem kien ikkopera waqt l-investigazzjoni. L-ispetturn Xuereb tkompli tghid li min-naha taghha tista' tghid li l-imputat dejjem tela' ghas-seduti tal-Qorti.*

Di piu' l-Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni r-rapport, konkluzjonijiet u r-rizultanzi tal-Ufficjal tal-Probation illi rrelata rigward l-appellant. Illi fil-fatt skont l-Ufficjal tal-Probation l-appellant ghandu hajja stabbli immens fejn ghandu s-sapport tal-familjari tieghu u huwa bniedem illi ghajr dan il-kaz qatt ma kellu problemi mal-Qrati tal-Gustizzja. Fil-fatt, skont l-istess konkluzjonijiet jirrizulta illi:

***Fatturi Identifikati***

*Francis Caruana qed jigi akkuzat illi f'Jannar 2014 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, ghamel atti ta' money laundering, kif ukoll frodi ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.*

*Fir-rigward tal-aspett tax-xoghol jirrizulta li mis-sena 1975 sal-lum il-gurnata Francis Caruana kellu xoghol regolarizzat. Fil-prezent l-imputat qieghed jahdem bhala xufier, peress li gie sospiz b'nofs paga mid-Dipartiment tal-Gvern li kien jahdem mieghu minhabba l-proceduri odjerni.*

*Minn informazzjoni migbura jidher li l-imputat ghadu sapport mill-mara tieghu kif ukoll mit-tfal tieghu. Mill-informazzjoni migbura jidher li Francis ghandu rispetto kbir lejn il-familja tieghu.*

*Jirrizulta li l-ikkoncernat qatt ma abbuza mid-droga. Minn dak li sostna l-imputat kif ukoll minn informazzjoni migbura minn agenziji li joffru servizzi ghal kontra l-abbuz tad-droga, jirrizulta li l-ikkocernat qatt ma ghamel uzu minn dawn is-servizzi. Testijiet tal-urina li saru gewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole rrizultaw fin-negattiv ghas-sustanzi lleciti.*

*Harsa lejn il-Fedina Penali tal-imputat turi li Francis qatt ma kellu x'jaqsam mal-Gustizzja Kriminali*

***Pjan ta' Kura***

*Jidher li l-imputat ghandu hajja stabbli, kemm fir-rigward ta' familja, kif ukoll fir-rigward ta' xoghol. Francis Caruana ghandu jaghmel minn kollox sabiex jibqa' ghaddej b'din il-hajja stabbli.*

Illi ghalhekk zgur illi piena ta' prigunerija effettiva mhux se tassisti lill-appellant fit-tkomplija tieghu ghall-hajja stabbli u dan anke bl-ghajnuna tal-familjari tieghu izda anzi tkun se tharbat kemm lill-appellant kif ukoll lill-familjari tieghu.

Illi inoltre', l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu in kunsiderazzjoni l-fatt illi l-appellant huwa bniedem ta' eta' konsiderevoli fejn ghandu l-eta' ta' sittin sena, u ghalhekk dan kellu wkoll jimmilita favur l-esponent meta l-Qorti giet biex tapplika l-piena fil-konfront tal-esponent.

Illi finalment jirrizulta illi fil-mori tal-kawza odjerna l-appellant qatt ma kkommetta reat iehor u dejjem anzi ottempora ruhu mal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Illi f'dan ir-rigward f'diversi okkazzjonijiet l-Qrati taghna kellhom l-opportunita illi jippronunzjaw ruhhom fuq l-effett tat-trapass taz-zmien fuq il-piena, u senjatament ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi**[7], fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali rreteniet illi:

> *it-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma.*

Illi ssir ukoll referenza ghal kawza fl-ismijiet **Il-Puliziija vs Nicola Farrugia, John Bugeja, u Loreto Bonello u ommisis**[8], fejn il-Qorti ta' l-Appell irreteniet illi:

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma . Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta'zmien*

---

[7] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-(29 ta' Jannar 2001.

[8] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 ta' Ottubru 2002.

*zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kkagunat jew provokat minnu stess – kif gara f'dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.*

Ghalhekk il-piena ta' erba' (4) snin prigunerija flimkien mal-multa kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju imressaq mill-appellant jirrigwarda n-nullita' tas-sentenza appellata. Illi L-appellant jissottometti li s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu hija nulla u dan peress li ghalkemm l-Ewwel Qorti astjeniet mir-raba' akkuza u cioe' ta' frodi, naqset milli tindakahom fl-artikoli tal-ligi. Jissottometti li peress li l-Qorti naqset milli tindika l-artikoli 308 u 309, dan irendi s-sentenza tal-Ewwel Qorti nulla stante li l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li s-sentenza kontra l-imputat ghandha fost rekwiziti ohra ssemmi l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw r-reat. Ghalhekk skont l-appellant dak rikjest *ad validitatum* skont l-artikolu 382 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex osservat. Skont l-appellant peress li s-sentenza appellata hija karenti minn dan l-element, is-sentenza moghtija fil-konfront tal-appellant hija irrita u ghandha tigi dikjarata nulla stante li ma ssegwix id-dettami tal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghalhekk jissottometti li l-atti ghandhom jintbghatu quddiem il-Qorti ta' Prim Istanza u dan sabiex l-appellant ma jigix imcahhad mid-dritt tieghu ghal beneficcju tad-doppio esame.

Ikkunsidrat;

Illi l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*'Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi* ***<u>l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat</u>****.'*(Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Ir-raba' (4) imputazzjoni li l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha wara li l-Prosekuzzjoni fis-seduta seduta tas-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) iddikjarat li t-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet huma alternattivi ghal xulxin taqra:

*'Talli b'mezz kontra ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti maginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37)'*

Il-Qorti fis-sentenza appellata kienet qieset li l-fatti specie ta' dan il-kaz jinkwadraw perfettament fit-tielet (3) imputazzjoni, dik t'approprijazzjoni indebita u mhux fir-raba' (4), dik ta' frodi (truffa). Ghalhekk l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' imputazzjoni u sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha.

L-ilment tal-appellant huwa li ghalkemm il-Qorti asjeniet mir-raba' imputazzjoni u cioe' dik ta' frodi naqset milli tindika l-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti tqis li l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi li l-Qorti meta taghti s-sentenza tghid il-fatti ta' dak li jkun gie misjub hati, taghti l-piena u tindika l-artikoli tal-ligi li taghhom tkun qieghda ssib htija. Gialadarba l-Qorti astjeniet mir-raba' imputazzjoni u ghalhekk ma sabitx htija ta' dik l-imputazzjoni, l-Ewwel Qorti korrettament ma indikatx l-artikolu 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk l-appellant ma ghandux ragun meta jippretendi li l-Qorti kellha ssemmi dawn iz-zewg artikoli minkejja li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda ir-rikavat. L-appellant jissottometti li skont il-Prosekuzzjoni u skont l-Ewwel Qorti l-ammont ta' flejjes riciklati kien dak ta' tnejn u tletin elf ewro (€32,000). Jissottometti li l-ammont waslet ghalih il-Qorti mit-tieni rapport li kien ghamel l-espert tekniku Dr. Renald Micallef fejn fir-rapport tieghu huwa spjega illi n-nuqqas ta' fondi sofferti mid-Dipartiment tal-Fisheries kien tal-inqas wiehed u tletin elf, hames mija u tnejn u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€31,592.55). L-appellant jaghmel referenza ghal dak li xehdet Dr Andreina Fenech Farrugia nhar it-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) li dak iz-zmien kienet tokkupa l-karriga ta' Direttur Generali fid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura fejn xehdet li '*L-ammont dovut lid-Dipartiment huwa dak l-ammont indikat mill-espert, kif indikat mit-tekniku mill-Qorti, jigifieir approximately it-32 elf, pero' mbaghad minnhom is-Sur Frans Caruana kellu jaghmel talba lis-Superjur tieghu biex dak il-hin ghal dan l-ispezzjonijeit illi saru wara l-hin tax-xoghol jithallas bir-rata tal-overtime*.' Hija kienet xehdet li '*Jien minn informazzjoni li gbart li meta kien qed jaghmel l-ispezzjonijiet kienu qed isiru wara l-hin tax-xoghol ghax mill- attendenzi sibt li l-hin tax-xoghol tieghu kienu mit-tlieta ta' filghodu sal-hdax ta' filghodu. Dawn l-ispezzjonijiet kienu isiru wara l-hin tax-xoghol u allura 95% ta' dak l-ammont huwa dovut lis-Sur Caruana, pero' kellu jehodhom through il- proceduri tad-Dipartiment, jigifieri billi jaghmel talba lid-Direttur tieghu, imbaghad jithallas skond il-proceduri tal-Gvern.*' Hija kkonfermat li l-ammont dovut lid-Dipartiment huwa kif ikkalkulat mill-espert imqabbad mill-Qorti jigifieri ta' tnejn u tletin elf (32,000). Spjegat li '*L-ammont huwa kollu dovut lid-Dipartiment imbaghad Frans fl-ahhar ta' kull xahar kell jaghmel rikjesta lis-Superjuri tieghu biex mal-paga tieghu tizdied l-ammont*.' Din ir-rikjesta ma saritx.

L-appellant jissottometti li skont l-istess Direttur Generali minn dan l-ammont ta' tnejn u tletin elf ewro (€32,000) l-appellant kellu jiehu lura l-ammont ta' 95% fuq dan l-ammont stante li jghid li din kienet il-paga tieghu tax-xoghol li jkun ghamel. Jissottommeti li meta wiehed jikkalkula l-ammont ta' 95% fuq dan l-ammont jirrizulta lli l-appellant minhabba x-xoghol li huwa ghamel u ta' liema xoghol kellu jithallas kien dovut lilu l-ammont ta' tletin elf ewro u erba' mitt ewro (€30,400). Ghalhekk l-appellant

jissottometti li l-ammont ta' rikavat u cioe' l-ammont li l-appellant allegatament misapproprja ruhu kien ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600) ammont ferm distanti mill-ammont ta' tnejn u tletin elf ewro (€32,000). L-appellant jissottometi li dan qed jinghad anke in vista tal-fatt li l-piena erogata giet anke stabbilita u kkalibrata in vista tal-ammont allegatament riciklat. Jissottometti li hemm differenza sostanzjali bejn l-ammont ta' tnejn u tletin elf ewro (€32,000) fi flus riciklati u l-ammont ta' elf u sitt mitt ewro (€1600) fi flus riciklati stante li wiehed irid jikkonsidra li bhalma kien hemm ammonti li kienu dovuti lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, kien hemm ammonti wkoll li kienu dovuti lill-appellant bhala hlasijiet tax-xoghol li jkun ghamel fir-rigward. Jissottometti li wiehed ma jistax ma jiehux konsiderazzjoni ta' dan l-ammont.

Din il-Qorti tqis li l-espert mahtur mill-Ewwel Qorti Dr Renald Micallef fl-ewwel rapport prezentat minnu a fol 721 et sequitur immarkat bhala Dok RM ikkonkluda li l-ammont li d-Dipartiment tal-fisheries sofra f'nuqqas ta' introjtu kien tal-inqas wiehed u tletin elf, hames mija u tnejn u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€31, 592.55). Fir-relazzjoni addizzjonali ta' Dr Renald Micallef immarkat bhala Dok RM2 a fol 1217 et sequitur fejn ikkonkluda li '*Minkejja li l-esponent ma' sabx fil-process ic-cekk images kollha minn wara u minn quddiem, igifieri ta' 45 cekk, u minkejja li l'anqas ma sab dawn ic-cekkijiet kollha fil-'accounts sheet' ta' Carmelo Azzopardi fil -kotba tal-Fisheries Department, xorta hu tal-opinjoni li l-figura li l-ammont lid-Dipartiment tal-Fisheries sofra, f'nuqqas ta' introjtu, kien ta' l-inqas €31,592.55 hekk kif tinfika fit-Tabella nru. 2 tar -rapport tieghu prezentat fit-30 ta' Novembru 2016.*' Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghax-xhieda ta' Dennis Buttigieg tas-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn spjega li '*Minn meta beda jircievi d-distrubance allowance jigifieri kuntratt iffirmat fl-2009, inti la tircievi d-disturbance allowance mbaghad ma tihux overtime either or*.'

Jirrizulta li fis-seduta tal-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) wara li l-imputat irregistra ammissjoni u rega kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li nghata zmien xieraq biex jikkonsidra, il-partijiet qablu li l-ammont ta' flejjes ricilkati huwa ta' tnejn u tletin elf ewro (€32,000). Jirrizulta ukoll li fis-seduta ta' quddiem din il-Qorti kif

preseduta tat-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) gie pprezentat kopja ta' ftehim u cioe' skrittura privata bejn l-imputat u martu bhala debituri u d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura datat l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020). Skont dan il-ftehim jirrizulta li l-appellant hallas permezz ta' bank draft lid-Dipartiment l-ammont ta' wiehed u tletin elf, hames mija u tnejn u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmi (€31, 592.55) u gie dikjarat li l-hlas qieghed isir ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha ezistenti bejn id-Dipartiment u Francis Caruana. Id-Dipartiment f'dak il-ftehim iddikjara li ma jkollux aktar interess fil-proceduri kriminali kontra Francis Caruana u cioe' l-appell odjern. Gie prezentat ukoll quddiem din il-Qorti vera kopja ta' bank draft f'dan l-ammont f'sem id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura.

Ghalhekk gialadarba l-appellant hallas l-ammont ta' wiehed u tletin elf, hames mija u tnejn u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€31, 592.55) l-ammont ekwivalenti ghall-ammont li l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha qieset bhala l-ammont tar-rikavat mir-reat, din il-Qorti tqis li l-appellant qieghed jaccetta li dan l-ammont kien dovut lid-Dipartiment u ghalhekk dan l-aggravju huwa infondat. In oltre', din il-Qorti minghajr ma tidhol fil-kwistjoni dwar jekk l-appellant kienx intitolat ghal parti minn dawn il-flejjes, jekk u minn meta inghata *disturbance allowance* u kwistjonijiet relatati, izid tghid li <u>anke jekk ghal grazzja tal-argument biss u xejn aktar,</u> l-appellant kien intitolat biex jircievi parti minn dawn il-flejjes, jirrizulta mix-xhieda ta' Dr. Andreina Fenech Farrugia datata it-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elejn u dsatax (2019) moghtija quddiem l-Ewwel Qorti li l-ammont kellu jinghata lid-Dipartiment u wara li l-appellant jaghmel talba lis-Superjur tieghu sabiex jithallas ghall-ispezzjonijiet li jkunux saru wara l-hin tax-xoghol, id-Dipartiment kien ihallas dak li kien sehmu l-impjegat. Ghalhekk la darba din ir-rikjesta ma jirrizultax li saret u ghalhekk l-appellant qabad u misapproprja flejjes li kienu tad-Dipartiment, ma jistax issa jghid li huwa kien intitolat ghall-maggorparti ta' dawn il-flejjes. In oltre' kif gia inghad il-partijiet kienu fis-seduta tal-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) qablu dwar dan l-ammont, anzi dwar l-ammont ta' tnejn u tletin elf ewro (€32,000) bhala l-ammont tal-flejjes ricilkati u in oltre' kif gia inghad l-

appellant hallas permezz ta' bank draft l-ammont ta' wiehed u tletin elf, hames mija u tnejn u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€31, 592.55) fil-mori ta' dan l-appell. Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi michud ukoll.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda l-piena erogata. L-appellant jissotometti li ma jaqbilx mal-insenjament tal-Qrati Superjuri li dejjem sahaq li sa certu punt appelli wara ammissjoni huma ftit odjuzi peress li meta wiehed jirregistra ammissjoni dan ikun qed jerhi lilu nnifsu kompletament f'idejn dik il-Qorti li tkun qed tiggudikah. Huwa jissottometti li qabel il-Qrati tal-Ewwel grad, fin-nuqqas ta' sistema ta' '*sentencing policy*' rigida, ma jzommu certu konsistenza u omogenjita' fis-sentenzi taghhom, allura bilfors li jkollok min jilmenta bhalma qed jigri fil-kaz in ezami. Li f'kull kaz l-Qrati tal-appell xorta ghandhom jidhlu f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eccessiva jew le. L-appellant jaghmel referenza ghal numru ta' sentenzi dwar l-iskop tal-piena.

L-appellant jissottometti li l-piena moghtija lilu u cioe' dik ta' erba' (4) snin prigunerija u multa ta' sitta u tletin elf ewro (€63, 000) hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz odjern. Jissottometti li kien hemm trattativi mad-Dipartiment izda stante li d-Direttur tad-Dipartiment ma kinitx baqghet Direttur, ghalhekk ma kien hemm hadd ma min l-appellant seta' jkompli ghaddej bit-trattattivi. Dwar dan, kif ikkunsidra aktar kmieni f'din is-sentenza jirrizulta li fil-mori tal-appell l-appellant lahaq ftehim mad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura u hallas l-ammont ta' wiehed u tletin elf, hames mija u tnejn u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€31,592.55).

L-appellat jissottometti li l-piena hija eccessiva in vista tal-fatt li l-fedina penali tal-appellant hija wahda netta u ghahekk jekk ghandu jinstab hati ghandu jitqies u jigi kkunsidrat bhala *first time offencer*. L-appellant jissottometti li qatt ma mess difru mal-gustizzja u ghalhekk huwa bniedem b'fedina penali kompletament netta. Jaghmel referenza ghal koperazzjoni tieghu mal-Pulizija liema izda ammissjoni skont l-Ewwel

Qorti inghatat fi stadju tardiv fil-proceduri u allura jghid li naqset milli tikkunsidraha. Jissottometti li ghalkemm l-appellant rregistra l-ammissjoni nonostante li ma kienx stadju daqshekk bikri, dan ma jnaqqas mill-fatt li l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. L-appellant jissottometti li jekk l-appellant ammetta xi imputazzjonijiet li mill-atti processwali jirrizultaw li ma huwiex hati taghhom nonostante l-ammissjoni tieghu din il-Qorti ghandha xorta tikkunsidra c-cirkostanzi tal-kaz u fejn hemm il-htiega tiddikjara li l-appellant mhuwiex hati ta' tali imputazzjonijiet. Dwar dan, din il-Qorti tqis li l-imputat volontarjament irregistra ammissjoni u anke wara li nghata z-zmien biex jikkonsidra l-ammissjoni tieghu huwa rega' ikkonferma din l-ammissjoni. In oltre' l-appellant fl-istadju tal-appell naqas milli jindika liema imputazzjonijiet ma jirrizultawx u ghalhekk ma jistax issa jippretendi li din il-Qorti ghandha tiddisturba d-decizjoni tal-Ewwel Qorti f'dak li jirrigwarda sejbien ta' htija in segwitu ta' ammissjoni registrata mill-appellant.

L-appellant jaghmel referenza ghar-rapport, konkluzjonijiet u rizultanzi tal-Ufficjal tal-Probation li ghandu hajja stabbli immens fejn ghandu s-sapport tal-familjari tieghu u huwa bniedem illi ghajr dan il-kaz qatt ma kellu problemi mal-Qrati tal-Gustizzja. L-appellant jissottometti li piena ta' prigunerija effettiva mhux se tassisti lill-appellant fit-tkomplija tieghu ghal-hajja stabbli u dan anke bl-ghajnuna tal-familjari tieghu izda se tharbat kemm lill-appellant kif ukoll lil familjari tieghu. Jissottometti li l-Qorti naqset milli tiehu in konjizzjoni l-fatt li l-appellant huwa bniedem ta' eta' konsiderevoli fejn ghandu l-eta' ta' sittin sena u li fil-mori tal-kawza ma kkommetta qatt reat iehor u dejjen ottempera ruhu mal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest.

L-appellant ghalhekk jissottometti li l-piena ta' erba' (4) snin prigunerija flimkien mal-multa fil-kwalita taghha u sussidjarjament u minghajr pregudizzju fil-kwantita ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum. Jissottometti li l-piena kienet meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz sproprorzjonata u eccessiva.

Dwar il-piena, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza 'l fuq imsemmija, fejn anke id-difiza ghanlet referenza ghliha fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Anton Vassallo'**[9] fejn gie kkunsidrat li:

*'11. Issa, bhalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fil- gurisdizzjoni superjuri taghha* ***Ir-Repubbblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef*** *moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:*

***"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l- aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir- riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-*** *piena.*

**12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi l- appellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar- responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li**

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Jannar, 2013 (Appell Kriminali Numru: 324/2011)

**ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.[10]"**

Fis-sentenza moghtija ricentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'**[11] gie kkunsidrat li:

*'6. Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet* ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** *deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for*

---

[10] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti.

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru, 2019 (Appell numru 234 tal-2019)

*this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx ħadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il-Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Maġistrati tkun ħadet xi żball, imbagħad din il-Qorti għandha d- dmir li dak l-iżball tirranġah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet **manifestament eċċessiva** meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun*

*tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.*

*9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a) Retributtiv;*

*(b)Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-**__aspett retributtiv__** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali socjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-socjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-socjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-**__aspett preventiv__** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-socjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **__qabel__** ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura specjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-socjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-socjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tas-socjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan socjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal*

*għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall- interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-**aspett riedukattiv** u **rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.'*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza deciza ricentement fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis'**[12]:

*'41. Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:*

***(a) the punishment of offenders***

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-26 ta' Frar, 2020 (Att ta' l-Akkuza numru: 15/2018)

***(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)***

***(c) the reform and rehabilitation of offenders***

***(d) the protection of the public***

***(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence***

*42. Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal- kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal- hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.*

Hu veru ukoll dak li qal l-insinji **Leo Page** fil-ktieb tieghu, **The Problem of Punishment,** fis-sens li –

***' .... The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'***

***Hu pero' ugwalment veru dak li inghad gap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –***

***'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'***

***Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –***

***'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'"***

***Dan hu iktar il-kaz meta' skont Leo Page ga citat ikun kaz ta' reat 'so hurtful to the public' li l-Qorti ghandha thares maggjorment lejn id-dover taghha 'to protect the community' (p.9) – u ma jistax ikun hemm dubbju li x-xorta ta' reat prezenti[13] hi ta' pjaga mill-iktar horox.[14]"***

Ikkunsidrat ulterjorament;

Din il-Qorti fl-ewwel lok tqis li r-reati li l-appellant ghalihom irregistra ammissjoni u li taghhom instab hati huma reati serjissimi u ta' minacca lis-socjeta'. Huwa deplorabbli li ufficjal jiehu vantagg tal-pozizzjoni ufficjali ta' xoghlu biex jaghmel qliegh ghalih innifsu a skapitu ta' minn min ihaddmu. Kif tajjeb qieset l-Ewwel Qorti l-appellant ma ddejjaq xejn jisfrutta u jabbuza mill-pozizzoni tal-impjieg tieghu. In oltre' l-ghemil qarrieqi u malinn tal-imputat kien mifrux fuq medda ta' zmien u ghalhekk lanqas ma kien kaz izolat. Din il-Qorti temmen li **ghandhom ikunu l-Qrati li jghaddu messagg car lis-socjeta' li reati bhal dawn ma ghandhom l-ebda post fis-socjeta' u li kull minn jikkommetti reat ghandu jwiegeb u jircievi piena edotta fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, dan il-messagg il-Qrati iwasluh permezz tas-sentenzi li huma jaghtu kemm fil-piena inflitta u anke fil-kunsiderazzjonijiet dwar tali piena[15]**.

Din il-Qorti fl-istess waqt tishaq li l-piena inflitta trid tkun mhux biss fil-parametri tal-ligi izda anke fil-kwadru ta' proporzjonata kif gja msithoqq minnha fl-ewwel seduta mizmuma minnha u ghal dan il-ghan ghalkemm dwar fatti u akkuzi diversi minn dawk mertu ta' dawn il-proceduri, taghmel referenza ghas-sentenza deciza ricentement li hija izda soggetta ghal appell pendenti u cioe' s-sentenza fl-ismijiet **'Jason James Agius (ID.**

---

[13] Il-kaz kien jitratta fost akkuzi ohra il-korruzzjoni ta' minorreni (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmienja (8) fis-sentenza citata.) Footnote 8).

[14] Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino hawn fuq iccitat (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata disgha (9) fis-sentenza citata.)

[15] Enfasi ta din l-Qorti

**229590M) vs L-Avukat Generali'**[16] fejn ghalkemm dwar fatti speci u reat diversi ghal dawk mertu tal-kawza odjerna gie kkunsidrat dwar il-principju ta' proporzjonalita:

*'Fil-kaz odjern ir-rikorrent qed jilmenta minn piena sproporzjonata stante li l-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07 timponi penali ta' 25% fuq l-ammont shih u mhux iddikjarat li jkun sejjer jinhareg jew jiddahhal f'Malta flimkien ma' konfiska tal-ammont li jkun in eccess ta' ghaxart elef ewro (€10,000).*

*Fil-ktieb taghhom **Theory & Practice of the European Convention on Human Rights**[17], **P. Van Dijk u G.J.H van Hoof**[18] f'kollaborazzjoni ma' ohrajn, dwar il-proporzjonalita' tal-piena jsostnu s-segwenti:*

*'...as this provision is to be construed in the light of the general principle enunciated in the first sentence of the first paragraph, there must exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised. In striking the fair balance thereby required between the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights, the authorities enjoy a wide margin of appreciation. ... Generally speaking, the fair balance will be lacking where the applicant has to bear an individual and excessive burden. ... As concerns the 'general interest' aim of the interference, the Court, accepting a wide margin of appreciation, has stated that 'it will respect the legislature's judgement as to what is in the general interest unless that judgement be manifestly without reasonable foundation'. Thus, a wide variety of aims have been considered to be in the public interest ... Various factors may play a role in the proportionality test. The Court has, for example, on occasion referred to the fact that avenues of judicial review of the contested*

---

[16] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fit-23 ta' Jannar, 2020 (Rikors Kostituzzjonali Numru: 108/2018 JVC)

[17] *(4th Edit, 2006)*

[18] Pagna 888 sa pagna 890 flimkien ma' pagna 892 u pagna 893. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata.)

*measures had been available to the applicant.*

*...*

*enforcement measures such as forfeiture, or even preventive measures such as seizure, have been examined for their compatibility with the second paragraph of Article 1.'*

*Fuq il-proporzjonalita' tal-piena l-Qorti ta' Strasburgu fis-sentenza fl-ismijiet Ismayilov -vs- Russja (Applikazzjoni numru: 30352/03) stqarret is-segwenti:*

*'In order to be considered proportionate, the interference should correspond to the gravity of the infringement, namely the failure to comply with the declaration requirement, rather than to the gravity of any presumed infringement which had not however been actually established, such as an offence of money laundering or tax evasion. The amount confiscated was undoubtedly substantial for the applicant, for it represented the entirety of the proceeds from the sale of his late mother's home in Baku. On the other hand, the harm that the applicant might have caused to the authorities was minor: he had not avoided customs duties or any other levies or caused any other pecuniary damage to the State.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Paul Vassallo Vs Christian Grech'**[19] gie kkunsidrat li:

*'Illi ibda biex f'dan il-kaz l-appellanti irregistra ammissjoni ghall-akkuzi addebitati lilu u dan wara li inhareg il-kontro-ordni mill-Avukat Generali ghalkemm kienet giet mahruga l-Att ta'l-Akkuza fil-konfront tieghu. B'hekk l-appellanti seta' jigi ipprocessat mill-Qorti tal-Magistrati u ghalhekk assoggettat ghal piena ferm inqas minn dik li kien jircevi li kieku hu kien gie ipprocessat quddiem il-Qorti Kriminali. Illi ghalhekk il-piena ta' tlett snin prigunerija, meta wiehed iqies illi giet irregistrata ammissjoni mill-appellanti u dan wara li inhareg il-kontro-ordni mill-Avukat Generali ma kenitx wahda certament fil-minimu taghha meta din giet ukoll abbinata ma' multa ta' €31000. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tarax illi kienu jezistu dawk ic- cirkostanzi fil-ligi li*

[19] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' April, 2017 (Appell Numru: 472/2016)

*kienu jimmeritaw l-imposizzjoni kemm tal-prigunerija kif ukoll tal-multa meta fil-maggior parti tal-kazijiet li jikkoncernaw akkuzi dwar hasil tal-flus l-piena tkun wahda mit-tnejn u mhux abbinati flimkien. Illi din il-Qorti, madanakollu, ma tistax taqbel mal-fehma ta'l-appellanti li jirraguna illi gjaldarba huwa diga qieghed jiskonta l-piena ta' ghoxrin sena priginerija, allura piena restrittiva tal-liberta ma twassalx ghal retribuzzjoni lejn is-socjeta. Illi kull persuna ghandha twiegeb ghall-eghmil kriminuz taghha sew jekk b'piena pekunjarja sew jekk b'piena restrittiva tal-liberta kif ukoll jekk ic-cirkostanzi hekk jimmeritaw piena li timmira lejn ir-riforma taghha. F'dan il-kaz din il-Qorti ma tarax illi hemm xi cirkostanzi li jistghu jwasslulha tinfliggi piena bhal din ta'l-ahhar u cioe' wahda li ghandha fil- hsieb taghha ir-riforma tal-hati u dan tenut kont illi l-appellanti huwa prezentement inkarcerat ghal perijodu twil ta' zmien u allura huwa ghandu ifittex ir-riforma tieghu fil-habs stess fejn juza dan il-perijodu ta' zmien b'mod pozittiv bl-opportunitajiet kollha li jinghataw fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin lid-detenuti taghha ghal min jaghzel li juzufruwixxi ruhu minnhom. Izda il-Qorti kif inghad ma tarax illi hemm necessaita' tal-piena pekunjarja ukoll tenut kont tal-fatt illi l-appellanti ikun diga' wiegeb ghal-eghmil kriminuz tieghu bl-inkarcerazzjoni fit-tul tieghu.*

*Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh, ghalhekk il-Qorti filwaqt li tikkonferma d-decizjoni appellata fejn din sabet lill-appellanti hati tar-reati lilu addebitati, izda tirriforma il-piena inflitta billi minflok dik ta' tlett snin prigunerija u multa ta' €32000, tikkundannah biss ghal piena karcerarja ta' tlett snin u b'hekk thassar il-multa inflitta.*'

Din il-Qorti tqis li l-appellant rregistra l-ammissjoni tieghu ghalkemm fi stadju tardiv tal-proceduri. Din il-Qorti tqis ukoll li skont dak li jirrizulta mis-Social Inquiry Report tal-Ufficjal tal-Probation Dorian Cornelius ipprezentat quddiem l-Ewwel Qorti bhala Dok DC, l-imputat ghandu hajja stabbli, kemm fir-rigward ta' familja u anke fir-rigward ta' xoghol u li ghandu jaghmel minn kollox sabiex jibqa' ghaddej b'din il-hajja stabli. Skond dak ir-rapport l-appellant f'Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) beda jahdem bhala xufier. Fir-rapport aggornat ipprezentat quddiem din il-Qorti mill-istess Ufficjal tal-Probation Dorian Cornelius gie konkluz li mill-informazzjoni migbura skont l-Ufficjal tal-Probation irrizulta li l-appellant baqa' ghaddej b'hajja stabli kemm fir-

rigward ta' xoghol u anke fir-rigward ta' familja. Skont l-istess Ufficjal tal-Probation s-sentenza tal-Ewwel Qorti halliet effett fuq is-sahha mentali tal-imputat fejn wahda mill-preokuzzjoni tieghu hija li jitlef kollox specjalment il-familja. Din il-Qorti tqis ukoll li l-appellant ghandu fedina penali netta.

**Din il-Qorti abbazi ta' dak ikkunsidrat u tenut kont tal-fatt li r-reati li l-appellant instab hati taghhom kif gia inghad huma reati serji u ta' minacca ghas-socjeta' tqis li ma ghandiex tiddisturba l-piena ta' multa inflitta mill-Ewwel Qorti u cioe' dik ta' tlieta u sittin elf ewro (€63,000), liema multa hija fil-parametri tal-ligi f'dak li jirrigwarda r-reati ta' *money laundering* li taghhom instab hati. In oltre' din il-Qorti fir-rigward tar-reati tal-*money laundering*, qieghda tikkonferma l-ordni tal-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-proprjeta' mobbli u mmobbli tal-appellant kif stipulat fl-artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Avukat Dottor John Seychell Navarro kien ipprezenta r-relazzjoni tieghu immarkata bhala JF 13 b'rendikont tal-assi tal-appellant. Naturalment jibqa' impregudikat id-dritt tal-appellant li jipprocedi fis-sens tal-artkolu 7 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. Paul Vassallo) vs Emmanuel Bajada'**[20] li kienet tirrigwarda reati li sehhew fit-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005) u x-xhur ta' qabel u ghalhekk mhux fiz-zmien mertu ta' kaz odjern kien gie kkunsidrat li:

'*Ghalhekk l-Ewwel Qorti, meta fuq ammissjoni sabet htija tar-reat dedott, suppost li ordnat kemm it-tehid u konfiska tar-rikavat tar-reat ta' money laundering, li f' dan il-kaz kien jammonta ghas-somma ta' LM1,800, ossia Ewro 4,192.87c, **kif ukoll ta' kull proprjeta' li tappartjeni lil jew li qeghdha fil-pussess tal-appellat**[21], salv umbaghad id-dritt tal-appellat li jipprocedi b' rikors quddiem il-Qorti Civili, Prim' Awla ghal dikjarazzjoni li dik il-proprjeta' mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma kienetx rikavat jew profit gej minn reat taht l-artikolu 3*

[20] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Settembru, 2009 (Appell Kriminali Numru: 187/2009)

[21] Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.

*tal-Kap.373, jew hi b' xi mod involuta fir-reat ta' money laundering u li lanqas ma hi proprjeta' akkwistata, direttament jew indirettament minn xi profitti jew rikavat simili w dan skond ma jipprovdi l- artikolu 7.'*

Fis-sentenza deciza ricentement fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Brian BUTTIGIEG u Joanne CUTAJAR'**[22] dwar reati li sehhew f'Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fis-snin ta' qabel inghad li:

'... *Ifisser li mibarra l-argument tar-rikavat imressaq mid-Difiża, hemm ukoll l-obbligu fuq il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tordna l-konfiska favur il- Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba ħatja wkoll jekk il- proprjetà immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta. Dan ifisser li l-Qorti tal-Maġistrati użat lokuzzjoni li kienet tirrifletti dak li joħroġ mill-istess Liġi.*

*69.Għalkemm ir-relazzjoni tal-espert tekniku f'dan il-każ ġiet sfilzata, dan ma jfissirx li f'dan il-każ ma kienx hemmx rikavat jew li din il- Qorti ma tibqax marbuta bil-Liġi li tordna l-konfiska bil-mod kif imsemmi fil-Liġi. Fil-każ ta' sejbien ta' ħtija il-Qorti ma tistax ma tordnax il-konfiska fit-termini imsemmija fil-Liġi – irrispettivament mill-kwantum tar-rikavat. Kif intwera' aktar il-fuq din il-Liġi mhix marbuta biss mal-aspett tar-rikavat iżda tolqot ukoll il-proprjeta tal-persuna misjuba ħatja. Prova ta' din il-proprjeta tinsab mhux fir- relazzjoni tal-accountant Axiaq, iżda fir-relazzjoni ta' Dr. Seychell Navarro. Jibqa' impreġudikat pero d-dritt tal-ħatja konfiskandi li jipproċedu fis-sens tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.*'

Gialadarba jirrizulta li fil-mori ta' dan l-appell, l-appellant hallas l-ammont ta' wiehed u tletin elf, hames mija u tnejn u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmi (€31,592.55) lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultrura rapprezentati r-rikavat tar-reat, din il-Qorti sejra tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ordnat *ai termini* tal-Artikolu 23B(1) tal-Kapitolu 9 tal-

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar, 2020 (Appell numru 276 tal-2017)

Ligijiet ta' Malta il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' dan l-ammont u sejra anke tirrevoka fejn fin-nuqqas ordnat il-konfiska ta' dik il-proprjeta' li jkollha l-valur taghha jikkorispondi ghal dan il-valur ta' wiehed u tletin elf, hames mija u tnejn u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmi (€31,592.55).

Din il-Qorti qieghda ukoll tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti *ai termini* tal-artikolu 23B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, orndat li l-appellant ikollu jhallas multa ta' wiehed u tletin elf, hames mija u tnejn u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmi (€31,592.55) f'kaz li r-rikavat li gej mir-reat ikun gie mberbaq, jew ghal xi raguni ohra li tkun ma jkunx possibli li jigi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tigi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjta' li jkollha l-valur taghha jikkorispondi ghal valur ta' dak ir-rikavat, stante li kif inghad dan l-ammont gie mhallas lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura fil-mori ta' dan l-appell.

Din il-Qorti jonqosha tqis il-piena rigwardanti l-kumplament tal-imputazzjonijiet li taghhom instab hati l-appellant. **L-Avukat Generali fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) iddikjara li mhuwiex jinsisti fuq piena karcerarja effettiva pero jinsisti li l-bqija tas-sentenza tigi konfermata in toto**[23]. Stante li l-pieni tal-kumplament tal-imputazzjonijiet li instab hati taghhom meta jitqies l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jeccedu s-sentejn prigunerija, din il-Qorti hija prekluza milli tordna li l-perjodu ta' prigunerija jigi sospiz *ai termini* tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

in il-Qorti izda tqis li abbazi:

**1. Ta' dak dikjarat mill-Avukat Generali fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn ma kienx qieghed jinsisti ghal piena karcerarja;**

---

[23] Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.

**2. In linea tal-principju tal-proporzjonalita' tenut kont tal-fatt li l-appellant mhux biss hallas l-ammont ta' wiehed u tletin elf, hames mija u tnejn u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmi (€31,592.55) lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura izda qieghed jigi kkundannat anke jhallas multa ta' tlieta u sittin elf ewro (€63,000) kif ukoll l-konfiska tal-proprjeta' mobbli u mmobbli tal-appellant favur il-Gvern ta' Malta skont l-artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tar-reati ta'** ***money laundering*****;**

**3. Il-fatt li mir-rapporti tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li hajjet l-appellant hija wahda stabbli u anke sab impjieg waqt li kienu ghaddejjin dawn il-proceduri u anke abbazi li perjodu ta' prigunerija mhuwiex se jghin sabiex tihallas il-multa imposta fuqu permezz ta' din is-sentenza;**

**4. Il-fatt li l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu li din il-Qorti qieghda tqis li tfisser li l-appellant gharaf li zbalja fl-eghmil tieghu** u

**5. Il-fatt l l-appellant ghandu fedina penali netta**,

Tirrevoka fejn il-Qorti ordnat il-piena karcerarja ta' erba' (4) snin u minflokk *ai termini* tal-artikolu 7(1) u senjatament tal-ewwel proviso tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta stante li jezistu c-cirkostanzi kif imnizzla f'dawn il-paragrafu li jimmeritaw il-hrug ta' ordni ta' probation qieghda tordna l-hrug ta' ordni ta' probation fil-konfront tal-appellant ghal zmien tlett (3) snin mill-lum.

Din il-Qorti taghmilha cara li din l-ordni ma tnaqqas xejn mis-serjeta' tar-reati li taghhom l-appellant instab hati.

B'zieda ma dan, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti qieghda tikkonferma l-ordni tal-Ewwel Qorti ghal hlas ta' ghaxart'elef, seba' mija u tletin ewro u tlieta u sittin centezmu (€10,730.63) rapprezentanti spejjez peritali kif ukoll tikkonferma l-ordni ghall-interdizzjoni generali perpetwa.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell u filwaqt li tikkonferma fejn il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' imputazzjoni u sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra, tirrevoka fejn ikundannat lill-appellant erba' (4) snin prigunerija kif ukoll tirrevoka fejn *ai termini* tal-artikolu 23B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat l-ammont ta' wiehed u tletin elf, hames mija u tnejn u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€31, 592.55) rapprezentanti r-rikavat jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta u anke tirrevoka fejn ordnat li fin-nuqqas li tigi konfiskata tali somma, tigi konfiskata dik il-proprjeta' li jkollha l-valur taghha jikkorispondi ghal valur ta' wiehed u tletin elf, hames mija u tnejn u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€31, 592.55). In oltre' din il-Qorti tirrevoka l-ordni maghmulha *ai termini* tal-artikolu 23B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-ordni sabiex l-appellant ihallas multa ta' wiehed u tletin elf, hames mija u tnejn u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€31.592.55) li f'kaz li r-rikavat li jkun gej mir-reat ikun gie mberbaq, jew ghal xi raguni ohra li tkun ma jkunx possibli li jigi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tigi ordnata l-konfiska ta' dik il-peroprjeta' li jkollha l-valur taghha jikkorispondi ghal valur ta' dak ir-rikavat.

Din il-Qorti dwar ir-reati ta' *moneylaundering* qieghda tikkonferma l-multa imposta mill-Ewwel Qorti u cioe' dik ta' tlieta u sittin elf ewro (€63,000). In oltre' qieghda tikkonferma l-ordni tal-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-proprjeta' mobbli u mmobbli tal-appellant kif stipulat fl-Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta. Jibqa' impregudikat id-dritt tal-appellant li jipprocedi fis-sens tal-artkolu 7 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti qieghda tikkonferma ukoll fejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat lill-appellant ihallas l-ammont ta' ghaxart'elef, seba' mija u tletin ewro u tlieta u sittin centezmu (€10,730.63) rapprezentanti spejjez peritali. Qieghda ukoll tikkonferma l-ordni maghmulha fil-konfront tal-appellant tal-interdizzjoni generali perpetwa u *ai termini* tal-artikolu 10(7)

tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta  tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tigi publikati fil-Gazzetta tal-Gvern .

Din il-Qorti qieghda rigwardanti r-reati l-ohra li taghhom l-appellant instab hati, bl-applikazzjoni tal-ewwel proviso tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-appellant taht ordni ta' probation *ai termini* tal-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tlett (3) snin mil-lum skont id-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali mis-sentenza.

Din il-Qorti tordna li din is-sentenza tigi notifikat lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tigi publikati fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole sabiex jigi nominat kandidat idoneju sabiex jiehu hsieb din l-Ordni ta' Probation.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

**Qorti tal-Appell Kriminali**

ORDNI TA' PROBATION (MAGHMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Il-Pulizija

(Spettur Anne Marie Xuereb)

vs

Francis Caruana

Illum 14 ta' Mejju, 2020

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, Francis Caruana gie kkonfermat bhala hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih ghajr ghar-raba' imputazzjoni fejn l-Ewwel Qorti astjeniet li tiehu konjizzjoni taghha kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li ghall-imputazzjonijiet li taghhom instab hati ghajr ghal dawk rigwardanti r-reati ta' *money laundering*, jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation u gie mpoggi taht Ordni ta' Probation *ai termini* tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi li tahtom l-appellant ghandu jibbenfika mill-ewwel proviso tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li l-Avukat Generali

iddikjara li mhuwiex jinsisti ghal piena karcerarja, l-fatt li l-appellant ghandu hajja stabli u anke sab impjieg fil-mori tal-proceduri, il-fatt li kif ikkunsidrat fis-sentenza l-appellant mhux biss hallas somma lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura izda ghar-reati ta' *money laundering* huwa gie kkundannat ihallas multa kif ukoll fejn ordnat il-konfiska tal-proprjeta' mobbli u immobbli tieghu ai termini tal-artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk jekk l-appellant jigi karcerat, dan mhuwiex se jkun ta' ghajnuna sabiex tithallas il-multa inflitta fuqu. In oltre' l-appellant mhux biss irregistra ammissjoni izda anke ghandu fedina penali netta.

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l- Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligïjiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, ikun jista jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation;

Ghalhekk tordna li l-hati Francis Caruana, detentur tal-karta tal-identita' numru 0144559M ikun ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-probation mahtur lilu.

2. L-Ufficcjal tal-probation mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur.

3. Il-hati ghandu javza immedjatament lill-Ufficjal tal-probation b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f'kuntatt mal-ufficjal tal-Probation skont id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu,

jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat tal-istess Ufficjal tal-Probation.

5. Li l-hati ghandu joqghod ghal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Ufficjal tal-Probation intizi li jghinu lill-hati biex ma jerggax jirrepeti r-reat jew jikkommetti reati ohra.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation *ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

..........................................

(firma tal-persuna mqeghda taht probation)